MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2008

Numru. 67/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**
**VS**
**ALFRED GERADA**
**U**
**CHRISTOPHER GERADA**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Alfred Gerada, bin Saviour u Carmela nee' Micallef, imwieled Msida nhar it-22 ta' Mejju 1944 u residenti gewwa 70 Fredmar, Triq Sant Alfonsu, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 484544M u Christopher Gerada, bin Alfred u Mary nee' Mangion, imwieled Pieta nhar it-18 ta' Frar 1986 u residenti gewwa 70 Fredmar, Triq San Alfonsu, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 104386M akkuzati:-**

**Talli gewwa l-football grounds ta' Qali u cioe' fl-Istadium Nazzjonali u fil-parametri tieghu nhar is-26 ta' Jannar 2008 ghal habta tas-6.45pm u fil-hinijiet ta' wara, b'diversi atti maghmulin b'rezoluzzjoni wahda:-**

**1. Talli fl-Istadium Nazzjonali Ta' Qali, nhar is-27 ta' Jannar 2008, fil-hinijiet bejn it-8.00pm u 8.30pm ta' filghaxija waqt il-loghba tal-football bejn Sliema u Valletta, xewwxu gemgha ta' nies, illi hekk imxewwxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat, liema reat filfatt sar, u dan ai termini tal-Artikolu 68 (1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. U aktar talli fl-istess data. lok, hin u cirkostanzi hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ukoll jekk din il-gemgha ta' nies ma kientx giet imxewxa minn hadd partikolari u dan bi ksur tal-Artikolu 68(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkorstanzi pubblikament xewwxu lil persuni ohra sabiex jiksru l-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 70 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe' tas-Surgent 778 D. Sant, l-Ispettur Mario Tonna u ufficjali ohra tal-Pulizija jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirhom, billi ma hallewx lil haddiehor u cioe' l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija, jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament uzaw kliem offensive lejn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmmija aktar il-fuq,**

**u lejn membri ohra tal-pubbliku jew gabu rwiehom abbuzivament u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Nakkuzaw lil Alfred Gerada wahdu:-**

**Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, b'qerq holoq jew giel li jidher li donnu hemm fatt few cirkostanzi sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra l-imsemmija membri tal-Korp tal-Pulizija bil-hsieb li b'hekk dawn l-ufficjali pubblici jkunu jistghu jigu, kontra s-sewwa, akkuzati jew misjuba hatja ta' reat, billi iddenunzjajt quddiem l-Ispettur Mario Tonna reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jisguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**7. U aktar talli gewwa Ta' Qali bil-hsieb li jtellef il-gieh jew tnaqqas il-gieh tal-ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq billi b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor immalafamajthom u dan ai termini tal-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.**

**Semghet l-ammissjoni tal-imputati.**

**Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli sabiex l-imputati jirripensaw rwiehom.**

**Semghet l-apologija li ghamlu l-imputati seduta stante;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.**

**Ikkunsidrat:-**

**Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 68(1)(2)(3), 70, 338 (ee), 110, 252 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Ligislazzjoni Sussidjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannhom ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn waqt illi tipprojbixxi lill-imputati milli jattendu ghal loghob tal-football gewwa "football grounds" f'Malta u Ghawdex ghal perjodu ta' sentejn.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' sentenza sospiza lill-imputati.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------